MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2003

Numru 335/2003

Il-Pulizija
(Sp Jesmond Borg)
vs
Louis Spiteri, iben Salvatore,
imwieled Pieta' fl-1 ta' april, 1971

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fil-21 ta' april, 2003 għal ħabta ta' nofs in-nhar ġewwa r-residenza matrimonjali li tinsab fil-fond numru 22, 'Corall', Triq il-Buqexrem, Fgura mingħajr il-ħsieb li joqtol jew iqiegħed il-ħajja ta' martu Lucienne Spiteri f'perikolu ċar ikkaġunalha ferita ta' natura gravi f'għonqha permezz ta' strument li jaqta' u bil-ponta (sikkina), fuq il-persuna ta' l-istess Lucienne Spiteri skond
ma ċċertifika Dr. Ian Gauci M.D. liema ferita ġġibilha mankament jew sfreġju
fl-għonq;

2. talli fl-istess lok, data u ħin hedded lil martu Lucienne Spiteri bil-kliem "b'din noqtlok";
3. talli ġarr fuqu arma li taqta' u bil-ponta (sikkina) mingħajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija.
Il-Qorti ġiet mitluba li barra li tagħti l-piena stabbilita' skond il-liġi, tapplika wkoll
l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta' tal-persuna hawn fuq indikata.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda tal-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi fil-21 ta' april, 2003 għal ħabta tan-nofs siegħa ta' wara nofs in-nhar il-pulizija ġiet infurmata li fir-residenza ta' l-imputat kien hemm argument familjari bejnu u bejn martu. Il-pulizija marru fuq il-post u sabu lill-imputat jargumenta ma martu. Meta l-pulizija kelmet lil Lucienne Spiteri hi qalet li r-raġel tagħha, l-imputat, kien sejjrilha daqqa ta' sikkina u kien laqgħatha fuq għonqha. L-imputat min-naħa tiegħu ċaħad li hu uża xi sikkina kontra martu u qal li kienet ivvintat kollox. Hu stqarr li kellhu sikkina f'idejh iżda kien qed juża din is-sikkina biex jobrox idejh. Lucienne Spiteri kkonsenjat lill-pulizija sikkina li hi użata normalment fil-kċina.

Illi Lucienne Spiteri ġiet eżaminat minn tabib li ċċertifika li kellha barxa f'għonqa liema ferita kienet ta' natura ħafifa. Inoltre, tali ferita kienet kompatibbli ma strument li għandu ponta.

Illi mix-xhieda ta' mart l-imputat jirrizulta li l-imputat mar id-dar biex jipprova jirrangja s-sitwazzjoni matrimonjali bejnu u bejn martu. Lucienne Spiteri ma rieditx tirranġja miegħu u dak il-ħin wara li heddiha li ser joqtolha bis-sikkina kien ħebb għaliha, hi resqet lura u dak il-ħin ħadha bi sbrixx ma għonqha.

Illi min-naħa tiegħu l-imputat xehed li hu veru li hu jrid jirranġja ż-żwieġ tiegħu iżda hu ċaħad li hu hedded lil martu jew li uża s-sikkina fuq il-persuna tagħha.

Illi minn analiżi attenta tal-provi prodotti jirrizulta ċar li Lucienne Spiteri sofriet ferita li ġiet inflitta minn strument bil-ponta u l-versjoni tagħha hi kredibbli.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati li kkaġuna ferita ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Lucienne Spiteri.  Issibu ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu.  Ma ssibux ħati tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża.  Rat l-artikoli 221(1) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali.  Tikkundannah għal piena ta' xahrejn priġunerija iżda wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali tordna li tali sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk fi żmien sena mil-lum jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija.  Inoltre, rat l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali u tordna li l-imputat ma jimmolestax lil martu Lucienne Spiteri għal żmien sena taħt penali ta' mitt liri maltin (Lm100).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------